BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 02/08 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 13 ta' Frar 2008 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Ezk** | **George Galea** |
| **Skuzata** | **Mrs Sarah Cuschieri** |

## AĠENDA -1

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 01/08 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ppropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## AĠENDA -2

*01/02 -* Is-Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa kiteb lill-Kunsill rigward l-ispejjeż li daħlu għalihom biex sar l-armar bid-dawl tat-Triq Birżebbuġa fi żmien il-festi tal-Milied. Peress li għal dan il-proġett kulturali saret spiża sostanzjali qed tintalab l-għajnuna. Il-Kamra qablet biex tħallas b'kemm jiswew €117 konsum tad-dawl.

*02/02 -* Resident mill-Qajjenza kiteb lill-Kunsill u qed jagħmel *claim* ta' €51.25 meta l-vettura tiegħu waqgħet f'ħofra li hemm fi Triq Il-Qajjenza u ċarrat it-*tyre.* Il-Kamra ma qablitx li tilqa' din il-*claim* peress li r-rapport tal-Pulizija sar l-għada ta' l-inċident u mhux fil-ħin u ġurnata ta' l-inċident.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet biex tiddiskuti l-offerti pubbliċi

1. Avviż 01/08 - Kisi ta' Toroq bil-*hot asphalt*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Offerta Nru. 1 - | Alfred Schembri & Sons. Ltd. | = | € 110,545.67 |
| Offerta Nru. 2 - | Asfaltar Construction Ltd. | = | € 131,703.00 |
| Offerta Nru. 3 - | Schembri Infrastructure | = | € 125,390.00 |

Saret diskussjoni fuq it-tliet offerti fejn l-offerta Nru. 2 ta' l-Asfaltar ġiet eliminata peress li ma kelliex *Bid-Bond.* Peress li Offerta Nru. 1 kienet l-orħos offerta u ma kienx hemm l-ebda *complain* fuq xogħlu, Alfred Schembri & Sons. Ltd. ġie magħżul biex ikun il-Kuntrattur għal kisi ta' toroq.

2. Avviż 02/08 - Kostruzzjoni ta' *Skateboard Platform*, *Floodlights*, *Fencing* u aċċessorji

| | | | |
|---|---|---|---|
| Offerta Nru. 1 - | Alfred Schembri & Sons. Ltd. | = | € 38,776.58 |
| Offerta Nru. 2 - | Asfaltar Construction Ltd. | = | € 48,651.00 |
| Offerta Nru. 3 - | Schembri Barbros | = | (Option A) € 51,316.24 |
| | | | (Option B) € 61,996.24 |
| | | | (Option C) € 30,416.24 |
| Offerta Nru. 4. - | Schembri Infrastructure | = | € 44,969.00 |

Saret diskussjoni fuq l-erba' offerti fejn l-Offerta Nru. 2 ta' l-Asfaltar ġiet eliminata peress li ma kelliex *Bid-Bond*. Il-Kamra ddeċidiet li dan il-proġett jiġi allokat lill-Kuntrattur Schembri Barbros Offerta Nru. 3 Option 'C' għax kienet l-orħos offerta.

***AĠENDA -4***

Is-Segretarju Eżekuttiv għadda r-rapport finanzjarju li jkopri l-perijodu ta' tliet xhur bejn l-1 ta' Ottubru '07 u 31 ta' Diċembru '07. Dan ġie approvat mill-Kamra mingħajr ebda amendi u ser jintbagħat kemm lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll lin-National Statistics Office (NSO).

***AĠENDA -5***

1. Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra kuntratt *draft* bejn il-Kunsill Lokali u l-Birżebbuġa Windmill F.C. Qed ikun propost biex il-Kunsill jixtri s-servizzi mingħand il-Birżebbuġa Windmill F.C. għas-somma ta' € 1200 fis-sena biex isostnu parti mill-*membership fee* tan-Nursery. Huma jobligaw ruħhom li jipparteċipaw fid-diversi attivitajiet tal-Kunsill Lokali fosthom il-'Clean Up The World Campaign'. Dan il-kuntratt jorbot iż-żewġ partijiet għal sena pero' jista' jiġi mġedded għal aktar żmien jekk jinħass il-bżonn. Dan il-kuntratt jidħol fis-seħħ immedjatament meta ssir il-preżentazzjoni tas-somma msemmija.

2. J.Baldacchino rringrazzja lill-B.Pace għall-ħidma li għamlet biex il-pubblikazzjoni tal-*magazine* tal-Kunsill joħroġ ta' kwalita' għolja u kien suċċess.

3. R.Zahra insista li l-funtana li hemm fil-Ġnien l-Indipendenza terġa' tibda taħdem u ssir *surveillance camera* biex tipproteġiha minn vandaliżmu.

4. Qed jinħass il-bżonn li jsir *Bus Shelter* fil-kantuniera ta' Triq Il-Kunċizzjoni ma' Triq Il-Karmnu. Ukoll bżonn ta' *Bus Shelter* ieħor għat-tfal biswit Triq Il-Kus.

***AĠENDA -6***

Is-Sindku beda biex din l-aġenda tiġi posposta għal Seduta oħra minħabba li S.Cuschieri kienet indisposta. Hija tinsab fuq il-Bord ta' l-Għażla biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid. R.Zahra qabel mas-Sindku. J.Borg issuġġerixxa li la darba kien hemm risposta favorevoli mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li J.Baldacchino jikkwalifika għal dan il-post vagant għanda tibqa' għaddejja l-proċedura għal konferma tiegħu bħala Segretarju Eżekuttiv. Il-kumplament tal-Kamra barra R.Zahra qablet ma' dan is-suġġeriment. R.Zahra insista li għanda tkun ikkuntattjata S.Cuschieri permezz tat-telefon immedjatament. Min-naħa tagħha S.Cuschieri nsistit li għandu jiltaqa' l-Bord ta' l-Għażla u jsiru l-*interviews* biex issir l-għażla finali biex jimtela l-post vagant. Minkejja din il-proposta l-Kamra ddeċidiet li tibqa' għaddejja bil-proċedura tal-ħatra. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti wieħed, wieħed jekk jaqblux li jkun ikkonfermat J.Baldacchino bħala Segretarju Eżekuttiv mill-1 ta' April 2008. Għal din il-mistoqsija kien hemm erba' (4) risposti nkluż is-Sindku favur filwaqt li R.Zahra baqa' jinsisti li jsir kif ipproponit S.Cuschieri. Għaldaqstant eventwalment ġie deċiż li J.Baldacchino jiġi kkonfermat Segretarju Eżekuttiv minn din id-data. Għandu jkun avżat b'dan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex din il-ħatra tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2008 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **........................................** | **.............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **George Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezk.** |